



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

---

**2011/2069(INI)**

20.9.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea  
(2011/2069(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Livia Járóka

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
- - wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-evalwazzjoni tar-riżultati ta' pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 u rakkomandazzjonijiet għall-ġejjieni<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 21 u 23 tagħha,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar miżuri fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru (CM/Rec(2010)5) u r-rakkomandazzjoni u r-riżoluzzjoni (Rakkomandazzjoni 1915 u Riżoluzzjoni 1728) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istess suġġett,
- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni minħabba orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru (2010),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Ottubru 2010 (COM(2010)573 finali),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza fid-dar u l-ġlieda kontra dawn il-forom ta' vjolenza tas-7 ta' April 2011 (CM(2011)49 final),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2011 dwar prijoritajiet u punti

---

<sup>1</sup> P7\_TA(2010)0232.

prinċipali ta' qafas politiku ġdid tal-UE rigward il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa<sup>1</sup>,

- A. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ħoloq sitwazzjoni ġdida fl-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem billi, permezz tiegħu, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali saret vinkolanti (Artikolu 6 TUE);
  - B. billi, minkejja l-progress li sar tul is-snin, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għadha ma ntlaħqitx f'bosta oqsma bħalma huma s-suq tax-xogħol, il-ħajja privata, il-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-vjolenza fuq in-nisa;
  - C. billi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija rikonoxxuta bħala dritt fundamentali mill-Karta, u billi għandu jiġi miġġieled kull tip ta' diskriminazzjoni,
  - D. billi d-direttivi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jobligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu jew jaħtru korpi tal-ugwaljanza biex jippromwovu l-ugwaljanza, inkluż billi jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni;
1. Jafferma l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-persuni kollha fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea relatata mal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri;
  3. Jilqa' l-ewwel rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill, speċjalment fir-rigward tal-impenn tiegħu biex iwettaq l-ambizzjonijiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif imsemmi fit-Trattat;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jqisu l-bżonnijiet u t-tħassib speċifiċi tan-nisa meta jkunu qed ifasslu l-leġiżlazzjoni u janalizzaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea;
  5. Ifakkar li l-Artikolu 23 tal-Karta jgħid li "L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inklużi l-impjeg, ix-xogħol u l-paga. Il-prinċipju ta' ugwaljanza m'għandux jimpedixxi li jinżammu fis-seħħ jew jiġu adottati miżuri maħsuba biex jagħtu vantaġġi speċifiċi lis-sess l-anqas irrappreżentat"; jenfasizza li dan bl-ebda mod ma jimmina d-drittijiet ta' gruppi oħra anqas rappreżentati, bħalma huma t-tfal (Artikolu 24), l-anzjani (Artikolu 25), il-persuni b'diżabbilità (Artikolu 26); jenfasizza wkoll il-fatt li l-Artikolu 21 tal-Karta jistqarr biċ-ċar il-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni kontra persuni oħra, bħalma huma persuni b'karatteristiċi ġenetiċi, jew diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali;
  6. Jenfasizza li n-nisa huma l-vittmi ewlenin tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; jirrimarka li l-vjolenza u t-theddida ta' vjolenza jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-individwu għall-ħajja,

---

<sup>1</sup> P7\_TA(2011)0127.

is-sigurtà, il-libertà u il-integrità fiżika u emozzjonali, u jikkostitwixxu theddida serja għas-saħħa fiżika u mentali tal-vittmi ta' tali vjolenza; jenfasizza li l-effetti ta' tali vjolenza, li hija daqstant mifruxa fil-Komunità kollha, jikkostitwixxu ksar reali tad-drittijiet fundamentali, flagħell għas-saħħa u ostakolu għat-tgawdija ta' ċittadinanza ġusta, ħielsa u sigura minn kulħadd;

7. Jieħu nota tal-pakkett tal-Kummissjoni dwar il-vittmi; jiddispjaċih li l-vjolenza fuq in-nisa ma titqiesx b'mod adegwat; jistieden lill-Kummissjoni tvara approċċ ta' politika komprensiva kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u direttiva dwar il-kumbatt u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u l-bniet fl-Istati Membri kollha tal-UE;
8. Sabiex jiġu evitati stennijiet żejda u nuqqasijiet ta' fehim, jitlob lill-Kummissjoni tinforma aħjar liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, iżda wkoll dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta; ifakkar f'dan ir-rigward dwar l-importanza tal-Portal Ewropew tal-ġustizzja elettronika; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri jkattru s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta fis-soċjetà ċivili, permezz ta' djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, u l-organizzazzjonijiet tan-nisa b'mod partikolari, peress li l-għarfien espert tagħhom huwa ta' valur kbir fir-rigward tal-isterjotipi u d-diskriminazzjoni, minħabba l-fatt li n-nisa minn dejjem kienu l-aktar vittmi komuni u vulnerabbli;
9. Jilqa' l-inklużjoni tad-drittijiet tal-persuni transġeneru fir-rapport reċenti tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru (2010), u l-inklużjoni ta' dawn id-drittijiet mill-Kummissjoni fl-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015; ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-bżonn li titqies l-identità tal-ġeneru fil-qasam tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, speċjalment friezamijiet futuri tad-Direttivi 2004/113/KE u 2006/54/KE;
10. Jinnota li l-persuni transġeneru jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni u stigma u ma jgawdux bis-sħiħ id-dritt tagħhom għad-dinjità u l-integrità, minħabba sterilizzazzjoni abużiva u/jew rekwiżiti ta' divorzju f'21 Stat Membru; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi bis-sħiħ l-identità tal-ġeneru fil-kwistjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, inkluż fil-proposti leġiżlattivi u fir-rieżamijiet; jitlob lill-Istati Membri jabolixxu l-sterilizzazzjoni u rekwiżiti mediċi obbligatorji oħra, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' divorzju li jmorru kontra d-dritt tal-persuni transġeneru għad-dinjità u l-integrità;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tqis, fis-snin li ġejjin, proposta għal qafas legali dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali;
12. Jenfasizza l-bżonn li jingħata appoġġ lit-twarrib tal-isterjotipi kollha u tal-impjig diskriminatorja permezz ta' programmi, azzjonijiet u kampanji speċjali li jinvolvu lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali, lill-NGOs, lill-istituzzjonijiet u lill-membri parlamentari;
13. Huwa mħasseb dwar id-drittijiet sesswali u riproduttivi u s-saħħa tan-nisa f'ċerti Stati Membri; jitlob b'mod partikolari lill-Istati Membri biex jirrispettaw id-dritt bażiku tal-koppji u tal-individwi kollha li jiddeċiedu liberament u b'mod responsabbli dwar l-għadd, il-perjodu bejn wild u ieħor u meta jkollhom l-ulied, u li jkollhom informazzjoni u mezzi

biex jagħmlu dan, inkluż aċċess għall-kura tas-saħħa, abort legali u sikur u kontraċettivi affidabbli, sikuri u bi prezz raġonevoli;

14. Jenfasizza l-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-offiżi sesswali fuq it-tfal, speċjalment fl-internet, li għandu impatt globali; jitlob għaldaqstant, fir-rapport annwali tiegħu li ġej, għal monitoraġġ tal-protezzjoni tagħhom u tal-progress f'dan il-qasam; ifakkar, madankollu, li l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija prinċipalment kompetenza tal-Istati Membri;
15. Jiddispijaċih dwar il-kwalità relattivament ħażina tad-dejta miġbura mill-korpi għall-ugwaljanza f'ċerti Stati Membri, li mhijiex maqsuma skont id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew l-età, pereżempju, jew skont oqsma tematiċi, bħall-impjeg u l-edukazzjoni; ifakkar fir-rwol importanti tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fil-ġbir u l-analiżi tad-dejta oġġettiva, affidabbli u paragonabbli dwar għadd ta' kwistjonijiet b'raba mad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea;
16. Jenfasizza l-importanza tal-ġbir ta' dejta preċiża dwar is-sitwazzjoni speċifika tan-nisa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni Ewropea;
17. Jitlob lill-Kummissjoni tistabilixxi rekwiżit għall-Istati Membri dwar ir-rappurtar annwali rigward l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
18. Jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-komunikazzjoni dwar it-tip ta' lmenti, ittri, mistoqsijiet u petizzjonijiet miċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tal-Karta; jilqa' kwalunkwe informazzjoni konkreta dwar ilmenti relatati mad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru pprovduta mill-Kummissjoni lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Parlament Ewropew għal analiżi ulterjuri; jitlob li l-Kummissjoni tikkomunika fil-wisa' r-rapporti annwali tagħha li jmiss dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, b'tali mod li tkattar is-sensibilizzazzjoni rigward il-ħtieġa għal miżuri li jiġġieldu kontra defiċits ta' demokrazija u ksur tad-drittijiet fundamentali;
19. Jitlob lill-Kummissjoni issib mezzi effikaċi għall-identifikazzjoni u s-segwitu ta' vjolazzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u każijiet speċifiċi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, inkluż permezz ta' verifiki okkażjonali fl-Istati Membri kollha biex tidentifika impenji li ma twettqux;
20. Jenfasizza li l-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali taċ-ċittadini ma jistgħux jiġu mifhuma f'termini ekonomiċi, fuq il-bażi ta' ċifri biss, iżda jridu jinftiehem wkoll f'termini ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.9.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 -: 1 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Andrea Češková, Tadeusz Cymański, Edite Estrela, Ilda Figueiredo, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Constance Le Grip, Barbara Matera, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Raül Romeva i Rueda, Nicole Sinclair, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Izaskun Bilbao Barandica, Jill Evans, Christa Klauf, Kartika Tamara Liotard, Mariya Nedelcheva, Katarína Neved'álová, Norica Nicolai, Antigoni Papadopoulou, Joanna Senyszyn